MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Mandat Numru. 857/2015/1

**John Cilia I.D. 262857M**

***Kontra***

**Ir-Reverendu Alexander Vella I.D. 320060M bhala Provincjal tal-Ordni Karmelitana ta` Malta u in rappresentanza tal-istess, u r-Reverendu Charles Mallia I.D. 132557M bhala Pirjol tal-Komunita` Karmelitana tal-Kunvent tal-Karmelitani tal-Balluta San Giljan u in rappresentanza tal-istess**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Ir-rikorrent ipprezenta rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("il-Mandat") fid-29 ta` Mejju 2015. Mar-rikors kienu prezentati ghadd ta` dokumenti.

Fid-29 ta` Mejju 2015, il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrent provvizorjament, tat lill-intimati ghaxart (10) ijiem zmien biex iwiegbu bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar il-Hamis 11 ta` Gunju 2015 fis-1.30 p.m.

L-intimati kienet notifikati fil-11 ta` Gunju 2015 u pprezentaw risposta bil-miktub fid-19 ta` Gunju 2015.

Ir-rikors kien trattat fl-udjenza tat-22 ta` Gunju 2015.

Il-Qorti halliet ir-rikors ghal provvediment kamerali.

Dan huwa l-provvediment.

## II. It-talba

Ir-rikorrent talab lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni sabiex izomm lill-intimati milli :-

***Jaddivjenu ghall-kancellament, rexxissjoni, jew kull xorta ta` att, skrittura jew kuntratt li jista` jgib il-hall tal-koncessjoni emfitewtika li nghatat lill-intimati bis-sahha ta` kuntratt tal-1 ta` Frar 1890 hawn anness Dok A ta` bicca art gewwa San Giljan imsejha "Ta' Liun" li tmiss ma` Triq it-Torri kif ukoll mal-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu tal-Balluta, kollox kif deskritt fl-istess kuntratt anness.***

**III.** **Ir-ragunijiet tar-rikorrent**

Ir-ragunijiet tar-rikorrent jirrizultaw a fol 2 u, skond dak li ssottometta d-difensur tar-rikorrent waqt it-trattazzjoni tar-rikors, isibu konfort fid-dokumenti li pprezenta.

**IV.** **Il-posizzjoni tal-intimati**

Ghalkemm fl-istadju tal-presentata tar-risposta taghhom, l-intimati kienu avversi ghall-hrug tal-Mandat, ghar-ragunijiet illi fissru fir-risposta, waqt it-trattazzjoni tar-rikors, l-intimati ccaqilqu mill-posizzjoni inizjali taghhom – **bla pregudizzju** – kif jirrizulta bic-car mill-verbal tal-udjenza tat-22 ta` Gunju 2015.

**V.** **L-Art 873 tal-Kap 12**

It-talba ghall-hrug tal-Mandat hija bbazata fuq l-**Art 873 tal-Kap 12**.

Skond **l-ewwel subinciz tal-Art 873 tal-Kap 12** –

*L-iskop tal-Mandat ta` Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Skond **it-tieni subinciz** tal-istess artikolu –

*Il-Qorti* ***m'ghandhiex*** *tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

**Meqjusa flimkien iz-zewg subincizi, jirrizulta li sabiex jista` jinkiseb il-hrug tal-Mandat, iridu jissussistu flimkien dawn ir-rekwiziti :-**

1) **Il-jedd *prima facie* tar-rikorrent ;**
2) **Il-htiega ghar-rikorrent li l-hrug tal-Mandat se jservi ghat-tharis ta` l-jedd ; u**
3) **Il-pregudizzju tar-rikorrent.**

Tajjeb li jinghad illi dawn ir-rekwiziti **huma kumulattivi u mhux alternattivi**. Li allura jfisser illi jekk imqar wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat.

**VI. <u>Risultanzi</u>**

Fl-udjenza tat-22 ta` Gunju 2015 li fiha kien trattat ir-rikors, id-difensur tal-intimati ghamel dan il-verbal :-

*Dr Mario Caruana ghar-Reverendu Alexander Vella u ghar-Reverendu Charles Mallia, it-tnejn li huma fil-kwalitajiet li ghalihom kienu citati fil-procediment tal-lum, jiddikjara li l-intimati proprio et nomine m`ghandhom ebda hsieb jew intenzjoni li jaddivjenu ghall-kancellament, rexxissjoni, jew kull xorta ta` att, skrittura jew kuntratt li jista` jgib il-hall tal-koncessjoni emfitewtika li nghatat lill-intimati bis-sahha ta` kuntratt tal-1 ta` Frar 1890 hawn anness Dok A ta` bicca art gewwa San Giljan imsejha "Ta' Liun" li tmiss ma` Triq it-Torri kif ukoll mal-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu tal-Balluta.*

B`zieda ma` dan l-intimati tramite d-difensur taghhom komplew izidu hekk :-

*Bla pregudizzju ghal kwalsiasi kwistjoni fil-mertu li tolqot it-titolu vantat mir-rikorrent bl-iskrittura tat-13 ta` Ottubru 2011 fol 25 et sequitur tal-process, kif kollox huwa rifless fir-risposta li pprezentaw l-intimati fl-ambitu ta` dan il-procediment, huma* ***<u>mhumiex qeghdin jopponu l-hrug tal-Mandat.</u>*** (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti).

**Wara li qieset kull konsiderazzjoni rilevanti ghall-hrug tal-Mandat, <u>inkluz</u> dak kollu li kien verbalizzat fl-udjenza tat-22 ta` Gunju 2015, u wara li hadet kont tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti hija tal-fehma illi l-Mandat ghandu johrog ghaliex it-talba tar-rikorrent tinkwadra ruhha bis-shih fl-ambitu ta` l-<u>Art 873 tal-Kap 12</u>.**

**<u>Provvediment</u>**

**Għar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrent ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-intimati kif dedotta fir-rikors tieghu tad-29 ta` Mejju 2015.**

**Tahtar lin-Nutar Pubbliku Dottor Nicholas Vella sabiex, bi spejjez tar-rikorrent, jinnotifika dan il-Mandat ta` Inibizzjoni, fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha, lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lir-Registratur tal-Artijiet li ghandhom minnufih jiktbuh f`registru li jzommu ghaldaqshekk.**

**Tordna li l-ispejjez ta` dan il-procediment ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------